MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 752/2002

**Avviz numru 752/2002DM**

**Alfa Co. Ltd**

**vs**

**Clyde Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta’ tlett elef mitejn u tmenin lira Maltin (Lm3280) rappresentanti servizz fornut lill-konvenut mis-socjeta attrici u dana skond annessi dokumenti mmarkati Dok ‘A’, Dok ‘B’, Dok ‘C’ Dok ‘D’.

Bl-ispejjez u bl-interessi inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 12 ta’ Novembru 2002.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghet bil-gurament lil Maria Xuereb prodotta mill-kumpanija attrici u rat id-dokumenti esibiti issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u qeghdha tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef mitejn u tmenin lira Maltin (Lm3280) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxi legali b'effett mid-9 ta' Dicembru 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------